**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.), LL.D.

Seduta tal-lum, il-Hamis 8 ta' Ottubru 2015.

Il-Pulizija
(Spettur Bernard Charles Spiteri)

-vs-

Abdelwahab Elshagabi ta' 22 sena iben Guma u Amal nee' Alamroni, imwieled Benghazi Libja, fis-27 ta' Marzu 1993 u residenti 'post mhux maghruf u detentur tal-karta ta' Police ref. No. 18275

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba l-imputat talli nhar is-7 ta' Ottubru 2015 bejn 9.15 ta' filghodu u 9.45 ta' filghodu, waqt li kien qieghed fi triq ir-Repubblika u fit-toroq ta' Rabat Ghawdex;

1. Minn gewwa l-istabbiliment bil-isem 'Swinger', ikkommetta serq ta' kartiera li kien fiha flus kontanti u dokumenti ohra li l-valur taghhom ma jaccedix l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) u dan sar ghad-dannu ta' Guda Taddeo Saliba u/jew persuni ohra,

2. **U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi** xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

3. **U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi** ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun nkarigat minn servizz pubbliku.

4. **U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi** gera bil-qawwi fit-triqat jew fil-pjazzez, b'periklu li jahbat ma' xi hadd u jwegghu.

Rat li l-imputat ammetta l-ewwel, it-tielet u r-raba imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; u ghalhekk dawn huma sodisfacjentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali netta tieghu. Hadet in konsiderazzjoni wkoll il-koperazzjoni shiha tal-imputat mal-Pulizija, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-istat li huwa jinsab jghix fih fejn ma ghandu l-ebda mpjieg u ma ghandux lanqas biex jixtri l-bzonnijiet ta' kuljum fosthom ikel.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli artikoli 7, 284, 285 u 338 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' sena mil-lum ai termini tal-Artikolu 22 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u ai termini ta' l-atikolu 24 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta timponi terminu ta' sitt xhur sabiex l-imputat ihallas is-somma ta' sittin Euro (€60) lil Guda Taddeo Saliba rapprezentanti danni sofferti mill-parte civile.

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 22(3) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta spjegat lill-hati fi kliem car, kemm ir-responsabilita' tieghu u x'jigri jekk hu jikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta' sena.

(ft.) J. Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur